MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru 184/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR MELVYN CAMILLERI**
**VS**
***OMMISSIS A***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Ommissis A* ta’ *ommissis*-il sena iben *Ommissis B* u *Ommissis C* imwieled *ommissis*, nhar *ommissis*, residenti gewwa *ommissis* u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru *ommissis*.

Illi huwa akkuzat talli f’Malta, fix-xahar ta’ Ottubru 2008 u fix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1. xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti minn fuq qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta' u cioe ta' *Ommissis D* ta' *ommissis*-il sena;
2. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi biex issodisfa iz-zina ta' haddiehor, hajjar ghal prostituzzjoni persuna taht l-eta' u cioe lil *Ommissis D* ta' *ommissis*-il sena, jew eccita l-korruzzjoni taghha, jew ghen jew iffacilita' din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni;
3. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta';
4. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkustanzi offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;
5. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla *ommissis* ta' lewn *ommissis* bin-numri tar-registrazzjoni *ommissis* minghajr ma kien licenzjat biex isuq;
6. u aktar talli fl-istess dati, hinijijet, lokalitajiet u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla *ommissis* ta' lewn *ommissis* bin-numri tar-registrazzjoni *ommissis* minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija ta' Malta jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (Licenzja mhix mgedda) jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghall-imsemmija vettura;
7. u wkoll talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla *ommissis* ta' lewn *ommissis* bin-numri tar-registrazzjoni *ommissis* minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, il-persuna ghandha tigi skwalifikata milli tottjeni licenzja tas-sewqan ghal dak il-perijodu li din l-istess Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u dan ai termini ta' Artikolu 3 (2A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat (a fol.9 fil-verbal datat 18 ta' Novembru 2009);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat ***Ommissis A***, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18, 28A, 28G, 37, 204(1), 204C, 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, Reg. 14 ta' l-Avviz Legali 476/2004, Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7(1) tal-Kap.63 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin.**

In oltre', tqieghed lill-imputat taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta' tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Di piu', il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' hames mija tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (€ 582.34) u tiprojbixxi lill-imputat milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal sena wara li jilhaq l-eta' maggiorenni u cioe wara li jaghlaq it-tmintax (18)-il sena.

Il-Qorti qed takkorda din il-piena **biss** in vista tal-fatt illi l-imputat, minkejja l-gravita' tar-reati illi bihom jinstab mixli, kellu appena *ommissis* (*ommissis*)-il sena meta wettaq dawn ir-reati, reati li, s-soltu, wiehed jaspetta adult ta' eta' ferm aktar avanzata minn dik ta' l-imputat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------